MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 63/2005

**Grazio, Carmel, Mario, John u Paul ahwa Magro bil-karti tal-identita' numri 211844 M, 190948 M, 341052 M, 78354 M u 163258 M rispettivament kif ezercenti n-negozju bl-isem Firm Michael Magro**

**vs**

**Mario Kitcher**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-3 ta' Frar, 2005 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallashom is-somma ta' elf, tmien mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm1,824.82) rapprezentanti ammont bilancjali lilhom dovut ghall-merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez tal-prezentata ta' l-avviz ghas-smiegh, ta' l-ittra nterpellatorja tal-11 ta' Marzu, 2004 u bl-imghax legali mill-11 ta' Novembru, 2002, data ta' l-ahhar konsenja, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur ta' l-atturi u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzjar, bl-ispejjez ghall-istess attrici.
2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-konvenut tat-18 ta' Ottubru, 2005 li biha ammetta t-talba kif edotta fl-Avviz;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru, 2005.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni u l-verbal;

Tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma ta' elf, tmien mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm1,824.82) rapprezentanti ammont bilancjali lilhom dovut ghall-merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata, b'dana illi ai termini tal-verbal fuq imsemmi, s-somma fuq indikata ghandha tithallas b'rati mensili ta' hamsin lira Maltin (Lm50), b'dana wkoll illi din is-sentenza ghandha tigi reza esegwibbli biss jekk il-konvenut jonqas li jhallas rata wahda mill-pagamenti mensili fuq imsemmija, f'liema kaz l-ammont bilancjali ghandu jkun dovut fl-intier tieghu mall-ewwel.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------